MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru. 369/2008

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef u Sp Keith Arnaud)
vs
Noel Pepe, iben Anthony, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ diċembru, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda –
talli fil-25 ta’ april, 2008, u fil-ġranet ta’ qabel għal habta tas-7.30 a.m., f’dawn il-Gżejjer, fil-kapaċita’ tiegħu bħala mpjegat mal-kumpanija TN Waterproofing Services Ltd. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra 46 romblu ta’ materjal (membrane) u 13 il-landa qatran li jammontaw għas-somma ta’ elfejn mija u

wieħed u tmenin euro (€2,181), għad-dannu ta' Simon Peter Bugeja, liema materjal ġie fdat jew ikkunsinnat lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat u liema materjal kien , ġie fdat jew ikkunsinnat lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' mejju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' mejju, 2008 fejn ġie dikjarat li llum l-ammont dovut mill-imputat lil Simon Peter Bugeja hu ta' mitejn u għaxar euro (€210).

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għaih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' mitejn u għaxar euro (€210) lil Simon Peter Bugeja fi żmien xahrejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------